MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2011

Numru 10/2009

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Philip Azzopardi**
**Joseph Vella**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 10 tas-sena 2009 kontra l-akkuzati Philip Azzopardi u Joseph Vella li bih huma gew akkuzati talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi bejn is-sbatax (17) u d-dsatax (19) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta (2003) kienu ħarrbu madwar erbgħa u ħamsin (54) immigranti llegali mid-Detention centre fid-Depot, Floriana. L-investigazzjonijiet bdew b'effett immedjat fejn waqthom irriżulta li Philip Azzopardi u Joseph Vella qua akkużati, kienu involuti f'din il-ħarba.

L-Pulizija eżekuttiva interċettaw xi immigranti illegali ħdejn il-baħar u fosthom kien hemm sitt (6) persuni li

kienu ħarbu mid-Depot kif indikat. Perress illi kienu jafu li l-akkuzat Philip Azzopardi u Joseph Vella setgħu jgħinuhom biex jaħarbu minn Malta wara l-ħarba mid-Detention Centre, l-akkużat Philip Azzopardi ġie għalihom u ħbiehom fi bnadi differenti, filwaqt li l-għada l-istess akkużat kien ħadhom ilkoll il- Marsalforn Guest House, ġewwa Marsalforn f'Għawdex, liema lukanda kienet ġestita minn Joseph Vella. Kif ingħad, dan ta' l-aħħar kien xjenti tal-immigranti illegali fil-lukanda tiegħu kif ukoll ir-raġuni għalfejn kienu qedgħin hemmhekk, u ċioe' dawn il-persuni kellhom jinħbew u jistennew f'din il-lukanda sakemm jingħataw l-istruzzjonijiet meħtieġa minn Philip Azzopardi sabiex jinħarbu lejn l-Italja.

L-akkużati kien tħallsu sommom sostanzjali ta' flus ammontanti għall- eluf tal-Liri Maltin, liema ħlas sar bħala pagament lill-istess akkużati Philip Azzopardi u lil Joseph Vella talli kienu irranġawlhom u assisstewhom sabiex jaħarbu minn Malta. Filfatt wara li ħalsuhom, l- immigranti llegali kienu fi trieqthom lejn id-dagħjsa li kienet ser toħodhom lejn l-Italja, liema dghajsa kienet giet prokurata mill-akkuzati bhala parti minn dan il-pjan ta' harba, izda fortunatament l-immigranti illegali ġew interċettati mill-Pulizja u ġew arrestati qabel ma telqu.

Illi b'għemilhom l-imsemmijin Philip Azzopardi u Joseph Vella saru ħatja talli, bil-ħsieb li jagħmlu xi qliegħ li jkun, għenu, assistew, taw parir jew ħabirku biex persuni oħra jidħlu jew jagħmlu tentattiv biex jidħlu jew joħorġu jew jgħaddu minn jew jagħmlu tentattiv biex jgħaddu minn jew jagħmlu tentattiv biex joħorġu minn Malta bi ksur tal-liġijiet ta' Malta, jew li, sew f'Malta jew barra minn Malta, ikkonġuraw f'dak is- sens ma' xi persuna oħra; b'dan li l-persuni mgħejjuna, assistiti, mogħtija parir, li jkun sar tħabrik dwarhom, jew il-mira tal-konġura, kienu ta' aktar minn tlieta.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-Philip Azzopardi u lil Joseph Vella, ħatja talli, bil-ħsieb li jagħmlu xi qliegħ li jkun, għenu,

assistew, taw parir jew ħabirku biex persuni oħra jidħlu jew jagħmlu tentattiv biex jidħlu jew joħorġu jew jgħaddu minn jew jagħmlu tentattiv biex jgħaddu minn jew jagħmlu tentattiv biex joħorġu minn Malta bi ksur tal-liġijiet ta' Malta, jew li, sew f'Malta ew barra minn Malta, ikkonġuraw f'dak is-sens ma' xi persuna oħra ; b'dan li l-persuni mgħejjuna, assistiti, mogħtija parir, li jkun sar tħabrik dwarhom, jew il- mira tal-konġura, kienu ta' aktar minn tlieta;

Talab li jingħamel skond il- liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn sitt xhur u mhux iktar minn tnax il-sena jew multa ta' tlieta u għoxrin elf mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) jew dik il-multa u priġunerija flimkien, skond dak li hemm u jintqal fl- artikoli 337A(1), 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi waqt iċ-ċirkostanzi mertu tal-ewwel u t-tieni Kap ta' din l-Att tal-Akkuża, u ċioe' fit-8 ta' Awwissu tas-sena elfejn u tlieta (2003) u fil-jiem ta' qabel, l-akkużati ġabru lill-immigranti illegali wara li kienu ħarbu mid-Depot (Philip Azzopardi) fejn ittieħdu sabiex jinħbew fil-lukanda Marsalforn Hotel ġewwa Għawdex, lukanda ġestita mill-ko-akkużat Joseph Vella, li volontarjament laqagħhom fi-lukanda tiegħu meta kien xjenti li l-iskop kien li dawn jinħbew sakemm jinħarbu minn Malta illegalment. Entrambe l-akkużati kienu xjenti tal-fatt li l-immigranti illegali kienu ħarbu mid-Depot fejn kienu qedgħin jinżammu taħt arrest u li l-istess persuni kienu filfatt qed jiġu mfiċċija mill-pulizija wara l-ħarba tagħhom.

Illi b'għemilhom l-imsemmijin Philip Azzopardi u Joseph Vella saru ħatja talli, xjentement, laqgħu għandhom jew ġiehlu lil ħaddieħor li jilqa' għandu persuni li kontra tagħhom ikun hemm ordni ta' arrest għal reat suġġett għall-piena ta' priġunerija għal aktar minn tliet xhur, inkella li l- Pulizija Esekuttiva tkun tfittex

sabiex tarrestahom għal dak ir-reat, jew li jkunu ħarbu wara li ikunu ġew arrestati għal dak ir-reat.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-Philip Azzopardi u Joseph Vella, ħatja talli, xjentement, laqgħu għandhom jew ġiehlu lil ħaddieħor li jilqa' għandu persuni li kontra tagħhom ikun hemm ordni ta' arrest għal reat suġġett għall-piena ta' priġunerija għal aktar minn tliet xhur, inkella li l-Pulizija Esekuttiva tkun tfittex sabiex tarrestahom għal dak ir-reat, jew li jkunu ħarbu wara li ikunu ġew arrestati għal dak ir-reat;

Talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' mhux inqas minn tlett ijiem u mhux iktar minn tlett xhur priġunerija skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 158, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi waqt iċ-ċirkostanzi mertu tal-ewwel tlett Kapi ta' din l-Att tal-Akkuża, u ċioe' fit-8 ta' Awwissu tas-sena elfejn u tlieta (2003) u fil-jiem ta' qabel, irriżulta ampjament li l-immigranti llegali ġew trasportati minn post għall-ieħor wara li dawn kienu ħarbu mid-Depot, bil-għan li jinħbew sakemm jinħarġu illegalment minn Malta lejn l-Italja. Irriżulta li l-ko-akkużati kienu filfatt responsabbli għal tali trasportazzjoni u kustodja.

Illi b'għemilhom l-imsemmijin Philip Azzopardi u Joseph Vella saru ħatja talli, għad li ma jkunux lilhom fdati l-kustodja, il-għassa jew it- trasport ta' arrestati jew ta' ikkundannati, għenu l-ħarba tagħhom jew kienu kompliċi fiha.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-Philip Azzopardi u Joseph Vella, ħatja talli, għad li ma jkunux lilhom fdati l- kustodja, il-għassa jew it-trasport ta' arrestati jew ta' ikkundannati, għenu l-ħarba tagħhom jew kienu kompliċi fiha;

Talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' mhux iktar minn għoxrin ġurnata priġunerija jew għad-detenzjoni jew għall-ammenda skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 156, 154, 153(a), 23, 31(b)(c) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba' Kap illi waqt iċ-ċirkostanzi mertu tal-ewwel erba' Kapi ta' din l-Att tal-Akkuża, u ċioe' fit-8 ta' Awwissu tas-sena elfejn u tlieta (2003) u fil-jiem ta' qabel, irriżulta ampjament illi l-ko-akkużati kienu taw mezz b'mod xjenti sabiex l-immigranti illegali jaħarbu minn Malta, meta' kienu jafu wkoll li dawn il-persuni kienu ħarbu mid-Depot fejn kienu debitament arrestati u li kwindi tali ħarba jew l-organizzazzjoni jew l-assistenża tagħha kienet tkun waħda kontra l-liġi.

Illi b'għemilhom l-imsemmijin Philip Azzopardi u Joseph Vella saru ħatja talli, xjentement taw il-mezz sabiex issir il-ħarba minn Malta, ta' persuni akkużati b'delitt jew ta' arrestati jew ta' ikkundannati għal delitt, inkella ta' persuni li jkunu taħt mandat ta' arrest għal delitt, jew ta' persuni li tkun għamlet delitt, għad li din il-persuna tkun għadha mhix ikkundannata, arrestata jew taħt mandat ta' arrest.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-Philip Azzopardi u Joseph Vella, ħatja talli, xjentement taw il-mezz sabiex issir il-ħarba minn Malta, ta' persuni akkużati b'delitt jew ta' arrestati jew ta' ikkundannati għal delitt, inkella ta' persuni li jkunu taħt mandat ta' arrest għal delitt, jew ta' persuni li tkun għamlet delitt, għad li din il-persuna tkun għadha mhix ikkundannata, arrestata jew taħt mandat ta' arrest ;

Talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 157, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali

jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l- imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tat-13 ta' Frar, 2011 b' Il-Ġurati bi tmien voti favur u vot kontra sabu lil Philip Azzopardi ħati skond l-ewwel kap ta' l-Att t' Akkuża.

Il-Ġurati b' seba' voti favur u żewg voti kontra sabu lil Philip Azzopardi ħati skond it-tieni kap ta' l-Att t' Akkuża.

Il-Ġurati bi tmien voti favur u vot kontra sabu lil Philip Azzopardi ħati skond it-tielet kap ta' l-Att t' Akkuża.

Il-Ġurati bi tmien voti favur u vot kontra sabu lil Philip Azzopardi ħati skond ir-raba' kap ta' l-Att t' Akkuża.

Il-Ġurati b' seba' voti favur u żewġ voti kontra sabu lil Joseph Vella ħati skond l-ewwel kap ta' l-Att t' Akkuża iżda mingħajr l-aggravanti li l-persuni mgħejjuna, assistita, mogħtija parir, li jkun sar tħabrik dwarhom, jew ikunu l-mira tal-konġura kienu aktar minn tlieta.

Il-Ġurati b' seba' voti favur u żewg voti kontra sabu lil Joseph Vella ħati skond it-tieni kap ta' l-Att t' Akkuża.

Il-Ġurati b' seba' voti favur u żewg voti kontra sabu lil Joseph Vella ħati skond it-tielet kap ta' l-Att t' Akkuża.

Il-Ġurati b' seba' voti favur u żewg voti kontra sabu lil Joseph Vella mhux ħati skond ir-raba' kap ta' l-Att t' Akkuża.

Tiddikjara ghalhekk lil akkuzati Philip Azzopardi u Joseph Vella hatja talli:

1. bejn is-17 u d-19 ta' Lulju, 2003 bil-ħsieb li jagħmlu xi qliegħ li jkun, għenu, assistew, taw parir jew ħabirku biex persuni oħra jidħlu jew jagħmlu tentattiv biex jidħlu jew joħorġu jew jagħmlu tentattiv biex joħorġu minn Malta bi ksur tal-liġijiet ta' Malta, jew li, sew f'Malta sew barra

minn Malta, ikkonġuraw f'dak is-sens ma' xi persuna oħra ; b'dan li l-persuni mgħejjuna, assistiti, mogħtija parir, li jkun sar tħabrik dwarhom, jew il-mira tal-konġura, kienu ta' aktar minn tlieta; u dana skond l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza. Fil-kaz ta' Joseph Vella minghajr dan l-ahhar aggravju.

2. fit-8 ta' Awwissu, 2003, u fil-jiem ta' qabel, xjentement, laqgħu għandhom jew ġiehlu lil ħaddieħor li jilqa' għandu persuni li kontra tagħhom ikun hemm ordni ta' arrest għal reat suġġett għall-piena ta' priġunerija għal aktar minn tliet xhur, inkella li l-Pulizija Esekuttiva tkun tfittex sabiex tarrestahom għal dak ir-reat, jew li jkunu ħarbu wara li ikunu ġew arrestati għal dak ir-reat; u dana skond it-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza.

3. fit-8 ta' Awwissu, 2003 u fil-jiem ta' qabel, għad li ma jkunux lilhom fdati l-kustodja, il-għassa jew it-trasport ta' arrestati jew ta' ikkundannati, għenu l-ħarba tagħhom jew kienu kompliċi fiha; u dana skond it-Tielet Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza.

4. u lil Philip Azzopardi wahdu hati tallifit-8 ta' Awissu 2003, u fil-jiem ta' qabel, xjentement ta l-mezz sabiex issir il-ħarba minn Malta, ta' persuni akkużati b'delitt jew ta' arrestati jew ta' ikkundannati għal delitt, inkella ta' persuni li jkunu taħt mandat ta' arrest għal delitt, jew ta' persuni li tkun għamlet delitt, għad li din il-persuna tkun għadha mhix ikkundannata, arrestata jew taħt mandat ta' arrest, u dana skond ir-Raba' Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza.;

Qieset li l-piena ghar-reat li tieghu nstab hati Joseph Vella hija dik ta' prigunerija minn sitt xhur sa hames snin jew multa ta' €23,293.73 jew dik il-multa w prigunerija flimkien.

Qieset li l-piena ghar-reat fil-konfront ta' Philip Azzopardi jikkoncerna ghadd ta' persuni mghejjuna li kienu aktar minn tlieta, l-piena ghandha tizdied bi grad wiehed sa tlett gradi. Ghalhekk f'dan il-kaz mill-piena massima ta' hames snin prigunerija, bl-applikazzjoni tal-artikolu 31(1)(b)(iii)(iv)(v), il-piena massima titla` addirittura ghal-wahda ta' tnax il-sena jew multa ta' €23,293.73 jew dik il-multa w prigunerija flimkien.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur **Dr. Emanuel Mallia**, ghal-Joseph Vella li jinsabu kollha registrati u jistghu jigu verifikati mat-traskrizzjoni tal-istess.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli **Dr. Arthur Azzopardi** ghal-Joseph Azzopardi u jistghu jigu verifikati mat-traskrizzjoni tal-istess.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur **Dr. Lara Lanfranco**, li jinsabu registrata u jistghu jigu verifikati mat-traskrizzjoni tal-istess.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 23, 31(b)(c), 154, 156, 157, 158, 337(A) tal-Kodici Kriminali, wara li qieset l-assorbiment tal-kapi fejn jirrikorru, tikkundanna lill-hati **Philip Azzopardi** ghall-piena komplessiva ta' **sitt (6) snin prigunerija.** Kif ukoll tikkundanna lil **Joseph Vella,** wara li qieset li ma nstabx hati tar-raba akkuza u li t-tieni u t-tielet kapi huma komprizi u nvoluti fl-ewwel kap ghall-piena komplessiva ta' **tmintax il-xahar prigunerija**.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------